MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 49/2004

Kawza fil-lista: 10

**Public Broadcasting Services Limited**
**Vs**
**Kenneth Ruggier**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Peress illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef mija hamsa u hamsin liri Maltin (Lm6,155.00) rapprezentanti bilanc dovut fir-rigward ta' servizzi ta' reklamar rezi lilu mill-istess socjeta' fuq il-mezzi taghha tax-xandir;

Peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi, hu baqa' inadempjenti;

Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti qeghda tannetti ma’ dan l-att, affidavit mmarkat Dok. A a tenur ta’ l-istess artikolu tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef mija hamsa u hamsin liri Maltin (Lm6,155.00) rapprezentanti bilanc dovut fir-rigward ta’ servizzi ta’ reklamar rezi lilu mill-istess socjeta’ attrici fuq il-mezzi taghha tax-xandir;

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, inkluz dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Settembru, 2003, ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju, 2003, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici u l-affidavit ta’ l-istess;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat ta’ tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------